# LECTIO DIVINA

## TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA

Sena C

## Lq 24,46-53

**U qalilhom: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet...**

Dan il-vers nifhmuh aħjar fid-dawl taż-żewġ versi ta' qabel: Ġesù qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet: 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.' Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura" (v.44-45). Ġesù Rxoxt jgħin lid-dixxipli jaqraw il-ġrajja tal-mewt u l-qawmien tiegħu fid-dawl tal-Iskrittura. Issa jagħmilhielhom ċara li l-Iskrittura kollha riedet twassal għall-misteru tal-Għid tiegħu: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet..."

Din l-istess mixja Ġesù kien għadu kemm għamilha mad-dixxipli ta' Għemmaws: "Qalilhom Ġesù: 'Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?' U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (Lq 24,25-27).

"Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura." Il-Ħaruf waħdu kapaċi jiftaħ il-ktieb u jikser is-siġilli tiegħu (Ap 5,1-10). Ġesù waħdu kapaċi jfissrilna l-Iskrittura, għax l-Iskrittura kollha nkitbet għalih u seħħet fih. Kristu ma jieqafx ifehemna l-Iskrittura, imma l-kundizzjoni biex nifhmuha hija l-qalb imkebbsa: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" (Lq 24,32). Imma kif se titkebbes il-qalb? Huwa l-Ispirtu s-Santu li jkebbes il-qalb tad-dixxipli biex jistgħu jifhmu l-Kelma ta' Ġesù: "L-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom" (Ġw 14,26).

**"u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.**

Il-Kelma ta' Alla fl-Iskrittura, u t-twettiq tagħha f'Ġesù, iridu jwasslu għall-indiema u l-maħfra tad-dnubiet. Għalhekk il-ħtieġa li tixxandar *lill-ġnus kollha*, għax "Alla s-Salvatur tagħna jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" (1Tim 2,4).

"ibda minn Ġerusalemm..." Ġerusalemm hija l-belt il-qaddisa fejn Ġesù għex l-Għid tiegħu. F'din il-belt l-Għid ta' Ġesù kellu jilħaq il-milja tiegħu bl-għotja tal-Ispirtu s-Santu. Għalhekk,

"meta kien għadu magħhom, ordnalhom biex ma jitilqux minn Ġerusalemm, imma joqogħdu jistennew sa ma sseħħ il-wegħda tal-Missier" (Atti 1,4). Il-vanġelu jippreżenta lil Ġesù f'*mixja* lejn Ġerusalemm: "Meta qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm" (Lq 9,51). Il-mixja tad-dixxiplu ma tistax tkun differenti minn dik tal-Imgħallem. U għalhekk huwa perikoluż li wieħed jitbiegħed minn Ġerusalemm, bħal dak li "kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin" (Lq 10,30s), jew bħaż-żewġ dixxipli li kienu sejrin lejn Għemmaws, "xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm" (Lq 24,13s).

Titbiegħed minn Ġerusalemm ifisser titbiegħed minn Ġesù u mill-misteru tal-Għid tiegħu. Anke l-predikazzjoni, mela, jekk trid tibqa' fidila għal Kristu u l-misteru tiegħu, trid titlaq minn Ġerusalemm u lejha twassal, trid tinbena fuq il-misteru tal-Għid u fih twassal (iddaħħal) lill-bniedem.

**"Intom xhud ta' dan.**

L-ewwel li ġew imdaħħlin f'dan il-misteru, minn Ġesù nnifsu, huma l-appostli, u għalhekk issa jistgħu jkunu xhud tiegħu: "Dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Verb, il-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom" (1Ġw 1,1). Bil-Grieg, *xhud* hija *màrtyr*, li minnha ġejja l-kelma *martri*. Li tkun xhud ta' Kristu jfisser li turi u twassal lil Kristu b'mod li tidentifika ruħek miegħu, sat-tixrid ta' demmek! Il-mewt għalih hi l-ogħla xhieda għalih!

**"U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."**

Ħadd ma jista' jkun xhud veru ta' Kristu jekk ma jkunx magħmul hekk mill-Ispirtu s-Santu u mqawwi minnu. Mhux biżżejjed li d-dixxiplu jagħmel esperjenza diretta ta' Kristu (ara: 1Ġw 1,1), imma jrid ikun l-Ispirtu s-Santu li din l-esperjenza jagħtiha l-ħajja u jwassal lid-dixxiplu għall-identifikazzjoni ma' Kristu. Huwa l-Ispirtu s-Santu wkoll li jagħti l-qawwa lid-dixxiplu-xhud ta' Ġesù fil-waqt tal-prova: "Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art" (Atti 1,8). Għalhekk Ġesù jinsisti li *jibqgħu* Ġerusalemm, magħqudin ma' Kristu fl-Għid tiegħu, *sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu*. L-Ispirtu s-Santu huwa l-qawwa ta' Alla.

**Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u refa' jdejh u berikhom. U ġara li, huwa u jberikhom, nfired minnhom u kien meħud fis-sema.**

Betanja huwa l-post fejn tibda u tispiċċa l-waqfa ta' Ġesù f'Ġerusalemm (Lq 19,28-29; 24,50). Huwa r-raħal tal-ħbiberija (Ġw 11,5), ir-raħal tal-fwieħa ta' Kristu (Ġw 12,1s). Betanja tinsab fil-lvant ta' Ġerusalemm, fejn hija mistennija tidher il-Glorja ta' Alla: "U ġiebni

ħdejn il-bieb li jħares lejn il-lvant. U ara, il-glorja ta' Alla ta' Iżrael riesqa min-naħa tal-lvant" (Eżek 43,1-2). "U l-glorja tal-Mulej tqanqlet minn nofs il-belt, u marret qagħdet fuq l-għolja n-naħa tal-lvant tal-belt" (Eżek 11,23).

*Huwa u jberikhom infired minnhom...* L-aħħar ħaġa li jagħmel Ġesù hija li jbierek lil dawk li huma tiegħu, barka li tilħaq il-qofol tagħha fil-miġja tal-Ispirtu s-Santu. Għalhekk it-tlugħ ta' Ġesù fis-sema ma jfissirx li tbiegħed minnhom, abbandunahom, ħallihom iltima (ara: Ġw 14,18), imma li għamel lilu nnifsu aktar qrib tagħhom, b'mod ġdid, permezz tal-Ispirtu. F'dan is-sens it-tlugħ ta' Ġesù fis-sema mhux biss iseħħ f'kuntest ta' barka imma hu fih innifsu barka (ara: Ġw 14,28).

Din ix-xena tfakkarna f'dik tal-qassis Aron li jgħolli jdejh u jbierek il-poplu (Lev 9,22). Dan ix-xebh jindika li Ġesù huwa l-Qassis il-Kbir li qed ibierek lill-poplu tiegħu qabel ma jidħol fis-santwarju tas-sema biex jidħol għalina quddiem il-Missier (ara: Lhud 8,1-2; 9,11-12).

**Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla.**

Il-barka ta' Ġesù timla lid-dixxipli bil-ferħ. Il-wegħda ta' Ġesù qed isseħħ: "Għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodulkom" (Ġw 16,22). Garanzija ta' dan il-ferħ li *jibqa'* hu l-Ispirtu s-Santu li Ġesù jibgħatilhom biex *jibqa'* magħhom (Ġw 14,16) u l-fatt li huma wkoll *jibqgħu* fit-tempju, fil-qalba ta' Ġerusalemm, ibierku lil Alla. Ġesù jbierek lilhom u huma jbierku lil Alla. L-atteġġjament tal-qalb quddiem dan kollu huwa l-fidi u għalhekk l-adorazzjoni: *inxteħtu fl-art jagħtuh qima*. Id-dixxiplu ta' Ġesù, li sar ukoll xhud u ħabbar tiegħu, ma jistax ma jemminx, ma jadurax u ma jberikx lil Alla għal doni hekk kbar!

### MEDITATIO

Li tibqa' f'Ġerusalemm ifisser li tibqa' ma' Ġesù fil-misteru tal-Għid tiegħu. Kemm inħossni magħqud ma' Ġesù fil-ħajja tiegħi ta' kuljum?... Kemm qed jirnexxili mmut u nirxoxta miegħu kuljum?...

Huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħmilni xhud ta' Kristu. Inħossni veru xhud ta' Ġesù?... X'inhu jbeżżgħani/iġiegħlni nistħi fix-xhieda tiegħi?... Kemm jien konxju u kemm qed insejjaħ il-qawwa tal-Ispirtu Qaddis?...

### ORATIO - CONTEMPLATIO

*Nagħmel att ta' fidi f'Ġesù li baqa' miegħi u qiegħed fija! Nitlob lill-Ispirtu s-Santu jagħtini l-qawwa ħalli nkun veru xhud ta' Ġesù.*